MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 2/2003/1

**Anthony Mintoff**

**v.**

**Avukat Generali u Annunziata sive Nancy, Frances, Reno
sive Nazzareno, Grace u Mary Rose ahwa Grech u Gianna Vella
armla ta’ Francis Vella, Saviour Vella, Maria Attard u John Vella**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Lulju, 2004. Permezz ta’ rikors migjub quddiem dik il-Qorti fid-29 ta’ Jannar, 2003 Anthony Mintoff talab lill-Prim Awla:

**“…joghgobha tiddikjara illi c-cahda da parti ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li tammetti provi intizi biex jirribattu l-provi ammessi eccezzjonalment fi stadju ta’ appell favur l-appellanti tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 u ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u tiddikjara li tali provi ghandhom jigu ammessi a bazi tal-principju ta’ ‘equality of arms’.”**

Ir-rikorrent Mintoff spjega kif kollox beda b’rikors li gie ppresentat minn Annunzjata sive Nancy Grech u l-intimati l-ohra quddiem il-Bord li Jirregola l-Qbiela ghal Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna. B’dan ir-rikors l-imsemmija Grech u l-intimati l-ohra talbu r-ripresa tal-pussess ta’ art agrikola fl-Ghasri u l-azzjoni tmexxiet kontra Anthony Mintoff (l-appellant odjern). Dan ir-rikors – li kien igib in-numru 12/91 – kien qed jinstema’ kontestwalment ma’ rikors iehor – bin-numru 1/92 – fl-ismijiet *Annunziata sive Nancy Grech et v. Joseph Mintoff* [1]. B’sentenza tat-3 ta’

[1] Fil-fatt illum stess qed tinghata wkoll is-sentenza fil-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet ***Maria Rosa Mintoff, Rita Mintoff u Anthony Mintoff, ilkoll bhala eredi tal-mejjet Joseph Mintoff (u b’digriet tat-23 ta’ Mejju, 2003 minhabba l-mewt ta’ Maria Rosaria Mintoff l-atti gew trasfuzi f’isem l-imsemmija Rita Mintoff) v. Avukat Generali u Annunziata sive Nancy, Francis, Reno sive Nazzareno, Grace u Mary Rose ahwa Grech, u Gianna Vella armla ta’ Francis Vella, Saviour Vella, Maria Attard u John Vella*** – Rik. Kost. 3/03 TM. Daw iz-zewg kawzi kostituzzjonali huma, hlief ghall-partijiet, identici f’kollox – ir-rikorsi promotorji (ossia fatti, kawzali, talba) u r-rikors ta’ appell huma kopja ta’ xulxin. Iz-zewg kawzi jirreferu ghall-istess “incidenti” li allegatament sehhew quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) meta kienet qed tisma’ l-appell fir-rikors 12/91 minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Qbiela ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna. U anke il-Prim Awla tal-Qorti Civili, meta tat is-sentenza taghha fil-kawza 3/03 TM semplicement ghamlet referenza ghas-sentenza taghha f’din il-kawza, cioe` fil-kawza 2/03 TM. Fil-fatt, kif jirrisulta mill-verbal tat-13 ta’ Frar, 2003 f’din il-kawza (2/03 – fol. 12), id-difensur tar-rikorrent, illum appellant, kien talab li z-zewg kawzi kostituzzjonali allura pendenti quddiem il-Prim Awla jigu trattati u decizi kontestwalment; u l-ewwel Qorti, wara li rrikjamat ghal quddiemha il-kawza 3/03 li kienet quddiem gudikant iehor, ipprocediet adezivament ghat-talba. Ara wkoll il-verbal tal-udjenza tas-7 ta’ Frar, 2003 fil-kawza 3/03 (fol. 14).

Dicembru, 1997 il-Bord cahad it-talba ghar-ripresa tal-pussess, u minn din is-sentenza sar appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Ir-rikors promotorju ikompli hekk:

**"Illi fi stadju ta' appell, f'zewg seduti konsekuttivi gew ammessi u prodotti provi favur l-appellanti Annunziata Grech et.**

**"Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, wara li ammettiet tali provi favur l-appellanti, irrifjutat li tippermetti lill-esponent jipproduci provi biex jirribatti l-provi ammessi eccezzjonalment fi stadju ta' appell favur l-appellanti.**

**"Illi fit-12 ta' Novembru 1998 gie ppresentat rikors fejn l-appellat talab li jigu ammessi tali provi minhabba l-principju ta' 'equality of arms', izda xorta wahda l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irrifjutat l-ammissjoni ta' provi min-naha ta' l-appellat.**

**"Illi dan jikkostitiwixxi vjolazzjoni tal-principju ta' 'equality of arms' u konsegwentement vjolazzjoni tal-principju ta' smiegh xieraq skond l-art. 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta."**

Dan hu, mela, l-ilment tar-rikorrent, illum appellant, Anthony Mintoff, u cioe` li l-mod kif imxiet il-Qorti ta' l-Appell (fis-smigh ta' l-appell mis-sentenza tal-Bord) kien leziv tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u dan specifikatament minhabba li ma giex osservat il-principju tal-"equality of arms". Mhix qed tigi, ghalhekk, attakkata xi disposizzjoni tal-ligi li a bazi taghha l-ewwel il-Qorti ta' l-Appell, espressament jew implicitament, agixxiet.

**<u>Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti</u>**

Permezz ta' sentenza moghtija fis-7 ta' Lulju, 2004 il-Prim Awla cahdet it-talbiet tar-rikorrent Anthony Mintoff, bl-ispejjez kontra tieghu, u dana wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Jirrizulta li r-rikorrent odjern kien intimat f'kawza quddiem il-Bord li jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, fejn *Annunziata sive Nancy Grech* talbet l-izgumbrament tieghu minn bicca ghalqa msejjha *"tal-Wilga"* fil-limiti tal-*Ghasri, Ghawdex,* tal-kejl superficjali ta' circa 4453 qasab kwadri pari ghal 19553 metri kwadri. Il-Bord li jirregola l-Qbejjel kien cahad it-talba tar-rikorrenti b'decizjoni tat-3 ta' Dicembru, 1997.

"Ir-rikorrenti *Annunziata sive Nancy Grech* appellat minn dik id-decizjoni, u l-appell kien mismugh mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell gewwa Malta, liema Onorabbli Qorti kienet presjeduta minn gudikant wiehed skond il-ligi. Ir-rikorrent odjern (intimat f'dawk il-proceduri) qed jilmenta bil-mod kif kien gie trattat quddiem dik l-Onorabbli Qorti, partikolarment qed jallega li t-trattament li kellu jissogetta ruhu ghalih jinvjola principju bazilari ta' gustizzja naturali, precisament il-principju *'audi alteram partem'.*

"L-ilmenti tieghu jirreferu ghall-fatt illi:

(a) fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 1998, ma thallix jaghmel kontro-ezami tax-xhud *Giovanna Vella*, prodotta mill-Onorabbli Qorti, izda li sarulha domandi wkoll mir-rikorrenti;

(b) li fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 1998, ma kellux l-opportunita` li jaghmel kontro-ezami shih tax-xhud *Saviour Vella*;

(c) li b'digriet tal-29 ta' Ottubru, 1998, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell cahdet it-talba tieghu biex jinghata l-possibilita' li jitressqu provi li jikkontradicu dak li gie allegat miz-zewg xhieda imressqa mill-Onorabbli Qorti u mill-parti l-ohra.

"Ikkunsidrat:

"Il-principju '*audi alteram partem'* huwa principju fundamentali mixhut fuq kull min gie mghoni b'poter li jiddeciedi. L-awtur S.A. de Smith fil-ktieb *"Constitutional and Administrative Law"* (Penguin Books, 3rd Edit.) jghid, *a*

*pagna* 564, li dan il-principju, *"Is the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge or case he has to meet, and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case".* Fil-kawza famuza ingliza "Ridge vs Baldwin", decisa mill-*House of Lords* fl-1964, intqal li d-dritt ghal smiegh xieraq *"is a rule of universal application"*, u *Lord Loreburn,* fil-kawza "Board of Education vs Rice", deciza wkoll mill-*House of Lords* fl-1911, kien qal li d-dover li jaghti smiegh xieraq hu impost *"upon every one who decides anything".*

"Din il-Qorti fil-kawza importanti "Sammut vs Bell McCance", deciza fid-29 ta' Mejju, 1946 (Kollez. Vol. XXXII.II.350), osservat hekk fuq din ir-regola:

"*Ir-regola 'audi alteram partem' ghandha tigi skrupolozament osservata, u l-partijiet ghandhom id-dritt li jkunu prezenti fl-investigazzjonijiet li jaghmel id-delegat tal-Board, biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjoni li jigu moghtija lil dak id-delegat ghall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni. Il-vjolazzjoni tar-regola 'audi alteram partem' taghti lok ghas-sindikat tal-Qrati ordinarja, li jistghu, anzi ghandhom jirritjenu null dak li jkun sar in konsegwenza tal-vjolazzjoni. Din ir-regola 'audi alteram partem' hija regola ta' gustizzja naturali u bhala tali hija ta' interess pubbliku, u ghalhekk ma hix rinunzjabbli 'per impliciter' billi jinghad illi kien hemm akkwijixxenza mill-parti li giet pregudikata bil-vjolazzjoni ta' dik ir-regola".*

"Tant hu importanti dan il-principju, li r-regola li n-nullita` ta' sentenza m'ghandhiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta, hi meqjuza li ma tapplikax f'kaz ta' vjolazzjoni ta' dan il-principju. *Lord Wright* fil-kawza ingliza, "General Medical Council vs Spackman", decisa mill-*House of Lords* fl-1943 osserva:

*"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the*

*departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision".*

"Dwar l-implikazzjoni ta' din ir-regola, hafna jiddependi minn natura tat-tribunal u tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg. *Lord Denning,* bhala *Master of the Rolls,* kien qal fil-kawza *"*R vs Gaming Board for Great Britain ex p. Benaim et", deciza mill-*Queen's Bench* fl-1970 li *"it is not possible to lay down rigid rules as to when the principles of natural justice are to apply: nor as to their scope and extent. Everything depends on the subject matter". Pero'*, bhala minimu, kif qal l-istess *Lord Denning,* din id-darba fil-*House of Lords* fil-kawza "Kanda vs Government of Malaya", deciza fl-1962, *"He must know what evidence has been given and what statements have been made effecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them".*

"L-awturi Wade & Forsyth, fil-ktieb *"Administrative Law"* (Oxford University Press, 7th Edit.) jghidu *a pagna* 538 li,

*"when an oral hearing is given, it has been laid down that a tribunal must (a) consider all relevant evidence which a party wishes to submit; (b) inform every party of all the evidence to be taken into account, whether derived from another party or independently: (c) allow witnesses to be questioned; (d) allow comment on the evidence and argument on the whole case. Failure to allow the last two rights, which include the right of cross-examination, has led to the quashing of punishments awarded by prison visitors in a series of cases".*

"Dan il-principju gie enuncjat ukoll mill-awtur S.A. de Smith (op. cit. Pag. 571), meta jirrimarka li:

*"Normally a party must not be prevented from cross-examining witnessess on the other side; but there is no rigid duty imposed by the common law to call every witness (provided that relevant evidence tendered is in fact disclosed for comment)"*

"L-istess gurista fil-ktieb *"Judical Review of Administrative Action"* (Stevens & Sons publishers, 2nd Edit) ikompli jirrimarka fuq il-principju li, bhala regola, cahda ta' kontro-ezami ikun ifisser vjolazzjoni ta' gustizzja naturali, u jwissi (f'pagna 200) li, *"seldom can such a refusal be justified if a witness has testified orally and a party requests leave to confront and cross-examine him".*

"L-awturi kwotati Wade & Forsyth jghidu (op. cit. Pag. 539) li wiehed jista jtellef mid-dritt ta' kontro-ezami f'kaz ta' *"many administrative proceedings in which formal testimony and cross-examination are inappropriate, the inquiry being informal"* – zgur, allura, mhux fil-kaz ta' proceduri formali quddiem il-Qorti.

"L-awtur B.L. Jones fil-ktieb *"Garner's Administrative Law"* (Butterworths, 7th Edit. p. 179), meta jitkellem fuq il-principju ta' *'audi alteram partem'* fil-kuntest ta' proceduri gudizzjari quddiem Qrati, jghid li, bla dubju ta' xejn, dan il-principju jimplika:

*"Clear and timely advance notice of charges or the case to be met, all evidence upon which the decision is to be based to be openly available to affected parties, opportunities to make representations to counter such changes or allegations, to produce witnesses, and to cross-examine witnesses produced by the other side; no hearing of one side in the absence of the other; and, in appropriate cases, the opportunity to be represented by a lawyer".*

"Fil-gurisprudenza lokali ntqal li d-dritt tas-smiegh moghti liz-zewg partijiet f'kawza irid jinghata fit-termini tar-regoli tal-ligijiet procedurali – "Farrugia vs Wismayer", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Gunju, 1997. Mhux nuqqas ta' Qorti li tghaddi ghas-sentenza meta l-konvenut wera *non-kuranza* u ma deherx biex iressaq il-provi – "Falzon vs Debono", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Jannar, 1975, u "Pantelleresco vs Starbrite Cleaners", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, fit-12 ta' Mejju, 2003. Il-principju ta' *'audi alteram partem'* ma jfissirx bilfors li l-provi tal-konvenut

iridu jinstemghu, izda li jkollu l-opportunita` li jressaq il-provi – “Camilleri noe vs Players’ Coaches Complaints Board tal-Malta Football Association”, decisa minn din il-Qorti fit-23 ta’ Novembru, 2001.

“Fil-kawza “Power Projects Ltd vs Agius”, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Gunju, 2003, intqal li: *“Ikun hemm ksur tal-principju ta’ ‘audi alteram partem’ jekk jew il-parti ma tkunx inghatat l-opportunita` tressaq il-provi taghha, jew fejn ix-xhieda moghtija minn parti wahda ma tkunx setghet tigi kontrollata mill-parti l-ohra minhabba nuqqas ta’ opportunita`”;* dawn il-principji ittiehdu mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Misrahi vs Cassar”, deciza fl-10 ta’ Gunju, 1966.

“F’dan il-kaz jinghad li wara decizjoni li ta’ l-Bord li jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna fit-3 ta’ Dicembru, 1997, sar appell li kien qed jinstemgha mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell hawn Malta, ippresjeduta, kif tiddisponi l-ligi, minn Imhallef wiehed. Fis-seduta tal-25 ta’ Gunju, 1998, xehdet *Giovanna Vella*, prodotta mill-Qorti stess, li sarula domandi mill-Qorti u mill-Avukat tal-appellanti. Il-kontro-parti tallega li hi talbet li jsir il-kontro-ezami, izda l-Qorti ma ippermetitlux. Fis-seduta sussegwenti tad-29 ta’ Ottubru, 1998, xehed ukoll *Saviour Vella*, u ghalkemm id-difensur tal-appellanti kien beda jaghmel il-kontro-ezami, intqal li dan ma setghax jaghmlu shieh peress li l-Avukat li kien qed jittratta l-appell hawn Malta ma kienx involut fil-proceduri quddiem it-tribunal t’Ghawdex.

“Wara s-smiegh ta’ dawn il-provi, l-appellati talbu li jressqu provi biex jikkontradicu dak li gie allegat miz-zewg xhieda imsemmija, izda din it-talba giet michuda b’digriet tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell. L-appellati ressqu Rikors Kostituzzjonali numru 680/99 fejn ilmentaw minn dawn l-allegati nuqqasijiet, izda l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, b’digriet tas-16 ta’ Marzu, 1999, irrifjutat li zzomm il-proceduri li kienu quddiemha pendenti l-ezitu tar-rikors Kostituzzjonali, u b’decizjoni tat-3 ta’ Dicembru, 1999, tat is-sentenza taghha fejn laqghet l-appell u rrevokat is-

sentenza li kienet moghtija mill-Bord li jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna.

“L-Onorabbli Qorti tal-Appell sabet li l-appellanti (intimati f’dawn il-proceduri) ghamlu prova sufficjenti tal-element tal-bzonn mehtieg biex issostni talba ghar-rispresa tal-ghalqa, u rrinvjat l-atti quddiem il-Bord li jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer t-Ghawdex u Kemmuna ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi. Ir-rikors Kostituzzjonali bin-numru 680/99 gie kancellat fit-23 ta’ Mejju, 2001.

“Dawn huma l-fatti li johorgu mir-rikors u l-affidavit tar-rikorrenti, izda minn indagini ulterjuri u minn ezami tal-process quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell jirrizulta illi fis-seduta tal-25 ta’ Gunju, 1998, <u>ma saret ebda talba ghall-kontro-ezami</u> da parti tal-appellati. Imkien ma hemm registrat li l-appellati riedu jaghmlu l-kontro-ezami ta’ *Giovanna Vella* u li din it-talba giet michuda mill-Qorti, u dan la fil-verbal tas-seduta u lanqas fil-verbal tat-traskrizzjoni tax-xhieda. Kull ma jinsab registrat f’dik l-udjenza hu li l-appellati ma qablux mad-dikjarazzjoni li saret mill-appellanti li *Salvu Vella* huwa bidwi *full-timer*, u l-appellati rrizervaw ukoll id-dritt li jitolbu l-produzzjoni ta’ xhieda sabiex jikkontestaw il-kontenut tad-depozizzjoni ta’ *Giovanna Vella* kemm-il darba dan jirrizulta mehtieg fil-kors tal-appell.

“Fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru, 1998, wara li xehed *Saviour Vella* u sarlu kontro-ezami, l-appellanti talbu li jipproducu bhala xhud lil *Emanuel Mintoff* u dan *“biex jirribatti dawn il-provi godda ammessi eccezzjonalment fi stadju ta’ l-appell”.* L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell cahdet din it-talba b’digriet moghti dak inhar stess *“minhabba li dan kien prezenti fl-Awla waqt ix-xhieda u waqt is-sottomissjonijiet diversi li saru dalghodu”.* Rikors ulterjuri li pprezentaw ir-rikorrenti biex ikollhom l-opportunita` jressqu provi biex jikkontradixxu dak li gie allegat mix-xhieda msejjha mill-Qorti u mill-kontro-parti kien gie wkoll michud mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

“Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma gewx mcahda mill-<u>opportunita`</u> li jikontrollaw u jaghmlu l-kontro-ezami tax-

xhieda mismugha fi stadju tal-appell. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-kawza “Libreri vs Direttur tas-Servizzi Socjali”, b'sentenza moghtija fid-19 ta' Gunju, 1987, kienet dikjarat nulla decizjoni tal-arbitru mahtur taht il-ligi tas-Sigurta` Nazzjonali, u dan ghax intqal li l-arbitru naqas milli josserva l-principju ta' *'audi alteram partem'* meta l-appellant talab l-opportunita` li jwiegeb ghal xi punti li gew sollevati, u l-arbitru cahadlu din l-opportunita`.

“F'dan il-kaz ma jirrizultax li r-rikorrenti talbu li jaghmlu l-kontro-ezami tax-xhud *Giovanna Vella,* u ghalkemm meta jinstema' xhud, hemm id-dritt ghall-kontro-ezami, f'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma approffettawx ruhhom minn din il-fakolta` li taghtihom il-ligi u r-regola ta' gustizzja naturali; huwa irriservaw biss li jikkontestaw dak li hareg mix-xhieda billi jressqu provi huma jekk ikun il-kaz.

“Fis-seduta sussegwenti, huma talbu li jressqu l-provi taghhom biex jirribadixxu dak li hareg mix-xhieda mismugha mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, izda x-xhud li jridu jressqu ghal dan l-iskop hallewh prezenti fl-Awla waqt il-hin kollu li t-tieni xhud kien qed jiddiponi u waqt li d-difensuri kienu qed jargumentaw fuq punti tal-kaz. L-artikolu 591 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li, *“bhala regola, ebda persuna prezenti waqt is-smiegh ta' kawza ma tista' tingieb bhala xhud fl-istess kawza”,* u ghalkemm dak l-istess artikolu jaghti diskrizzjoni lill-Qorti li, ghar-raguni tajba, tiddispensa minn din ir-regola, f'dan il-kaz ma ngiebet ebda raguni tajba ghala dik l-Onorabbli Qorti kellha tiddispensa mir-regola generali; ma giex muri lilha ghalhiex kien mehtieg li dak ix-xhud, li riedu jressqu r-rikorrenti, thalla fl-Awla waqt is-smiegh tax-xhieda ohra u, allura, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, in applikazzjoni tar-regola generali, irrifjutat li tisma' lil dak ix-xhud.

“Ir-rikorrenti, allura, inghatawlhom l-opportunita` li jressqu xhieda godda biex jikkontrollaw dak li irrizulta mix-xhieda mismugha mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, u kien tort taghhom li huma ma utilizawx dik l-opportunita`. Parti ma tistax l-ewwel ma tosservax ir-regoli ta' procedura u wara tilmenta li d-dritt taghha ghas-smiegh xieraq gie miksur. Mhux qed jigi allegat li r-regola tal-procedura fuq imfissra

tikser xi provediment tal-Kostituzzjoni jew tal-principju *'audi alteram partem'*; anzi, fil-fehma tal-Qorti, il-procedura taghmel sew li, in principju u bhala regola, ma tippermettix li xhud prezenti waqt is-smiegh ta' kawza li jithalla jixhed, u dan biex tassigura li kull xhud jghid il-verita' kollha kif jafha hu u ma jkunx influenzat b'dak li xehedu ta' qablu. Id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti biex, jekk ikun hemm raguni tajba, tippermetti lix-xhud prezenti waqt is-smiegh ta' kawza biex jixhed, taghti, imbaghad lill-Qorti l-opportunita` tara, skond ic-cirkustanzi, x'ikun fl-ahjar interess tal-gustizzja li jsir.  F'dan il-kaz, kif inghad, ma giex muri lill-Qorti xi raguni tajba biex hi tara tezercitax id-diskrezzjoni taghha u dan ukoll hu nuqqas tar-rikkorrenti li dwaru ma jistghu irressqu ebda ilment kontra l-Qorti u l-mod ta' kif agixxiet.

"Din il-Qorti, ovvjament, imxiet fuq dak li rrizulta registrat fil-verbali tas-seduti mizmuma mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.  Fil-kawza <u>"Zammit vs Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Izvillup"</u>, deciza fl-10 ta' April, 1995, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, gie ribadit il-principju li l-minuti ta' kawza ghandhom jitqiesu li jirriflettu dak li gara fis-seduta, u f'kaz li Qorti tirrifjuta li tirregistra xi ilment jew oppozizzjoni ta' parti dik il-parti ghandha tirregistra dak l-ilment jew oppozizzjoni f'nota jew rikors li tigi prezentata fl-atti; fin-nuqqas li jsir dan, dak li jirrizulta mill-verbal ghandu jitqies li jirrifletti dak li gara waqt is-seduta.

"Hekk ukoll, fil-kawza <u>"Pulizija vs Borg"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kriminali) fit-18 ta' Jannar, 1941, (riportata Kollez. Vol. XXXI.IV.391), intqal li l-atti tal-Qorti ghandhom jittiehdu dejjem li saru sewwa, u hu biss f'kaz ta' ambigwita` f'dak li hemm registrat, li Qorti tista' tisma sottomissjonijiet orali dwar x'ried jigi mfisser bil-verbal registrat.

"F'dan il-kaz, il-verbali huma cari u ma jhallu ebda dubju dwar il-kontenut taghhom.  Mhux biss, meta xehdet *Giovanna Vella,* ma giex riservat il-kontro-ezami u ma saretx talba biex, f'dik is-seduta jew f'ohra sussegwenti, isir il-kontro-ezami, izda jirrizulta wkoll li x-xhud li r-rikorrenti riedu jipproducu biex jippruvaw jikkontradicu dak

li xehedu z-zewg xhieda quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, thalla fl-Awla tul is-smiegh ta' wiehed miz-zewg xhieda, u dan kontra il-principju procedurali indikat aktar qabel. Mhux biss, izda ma giet sottomessa ebda *"raguni tajba"* biex is-smiegh ta' dak ix-xhud jigi permess, u *kwindi* l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet korretta meta, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha, irrifjutat li tisma' lil dak ix-xhud. Anke fir-rikors ulterjuri li ressqu r-rikorrenti fit-12 ta' Novembru, 1998, ma giet sottomessa ebda raguni valida ghala l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kellha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tisma' prova godda tar-rikorrenti. Il-principju ta' *"equality of arms"* ma jfissirx li parti tista, l-ewwel tinjora r-regoli ta' procedura, u imbaghad tistieden lill-Qorti li, *ciononostante,* tithalla tressaq provi ghax hekk ikun *"fair"*. Dan il-principju ifisser li kull parti ghandha tinghata <u>opportunita` ndaqs</u> li tressaq il-kawza taghha, izda ma jfissirx li parti tista' tagixxi in oltragg ghar-regola ta' procedura u xorta tippretendi l-indulgenza tal-Qorti biex tressaq il-provi taghha kumdita` taghha. Kif intqal fil-kawza kwotata aktar qabel <u>"Farrugia vs Wismayer"</u>, id-dritt tas-smiegh xieraq hu koncess fit-termini tar-regoli tal-ligijiet procedurali, u jekk dawn jigu injorati mill-parti, ghal xi nuqqas *imputet sibi*. Mhix skuza li parti ma uzufruwietx mill-opportunitajiet moghtija lilha ghax l-Avukat taghha kien impenjat f'xoghol iehor.

"Ghar-rigward ta' dak li sehh fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 1998, meta gie allegat li ma sarx kontro-ezami *"shih"* ghax l-Avukat li kien qed jikkonduci l-kontro-ezami ma kienx involut fil-proceduri quddiem il-Bord t'Ghawdex, din ma hi xejn hlief skuza bi skop li tipprova tghatti n-nuqqas ta' preparazzjoni adegwata da parti tal-Avukat li kien qed jikkonduci l-kontro-ezami. Din il-Qorti mhux sejra tirriavviza xi ksur ta' principju ta' gustizzja naturali fejn in-nuqqas huwa tal-parti stess jew tal-Avukat tieghu li jipprepara ruhu sew ghal kaz. Kif jghidu l-awturi <u>Wade & Forsyth</u> (ap. cit. pagna 539), *"But a mistake by the applicant's own advisers, even though it deprives him of the opportunity to be heard in an appeal against deportation, will not entitle him to relief, since he has not been the victim of unfair procedure".* Kien zball tal-Avukat tal-appellati li jersaq biex jittratta appell meta ma kienx

ipprepara ruhu sew billi jiehu konjizzjoni xierqa ta' dak kollu li sehh quddiem it-Tribunal t'Ghawdex. *Kwindi,* lanqas ghal dan l-ilment, m'ghandu jinghata ebda rimedju.

"Ghal kull *buon fini* jinghad li, ghalkemm, hu veru li, bhala principju, Qorti ta' revisjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar kif din tirregola s-smiegh tal-provi, hlief meta jirrizultaw ragunijiet serji u gravi (ara "Pace vs Tabone, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 2002), izda din il-Qorti mhux Qorti ta' revisjoni, u kieku irrizulta nuqqas ta' osservanza tar-regola ta' *'audi alteram partem'*, din il-Qorti kienet tintervjeni, ghax ksur ta' din ir-regola hu wiehed serju u gravi li jintitola intervent mill-Qorti li ghandha gurisdizzjoni f'dak il-kuntest. Din il-Qorti, fil-fatt, fis-sede taghha Kostituzzjonali kemm-il darba giet imsejjha biex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq, mhux biss *da parti* tal-Qrati ordinarji, izda wkoll *da parti* ta l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Din il-Qorti, fil-fatt, f'decizjoni li tat fit-18 ta' Frar, 1999, fil-kawza "Tabone vs Avukat Generali et", kienet espressament osservat li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni tissindika agir u trattament ta' Qorti ohra, inkluza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Kif irrimarkaw l-awturi Wade & Forsyth (op. cit. pagna 550), *"It is of the esence of natural justice that it should be observed generally in the exercise of discretianary power. The mere fact that the discretion conferred is wide is no reason for weakening this principle"*. Dan il-principju hu fundamentali, u kieku rrizulta li r-rikorrenti mhux b'nuqqas taghhom, gew imcahda mill-opportunita` li jikkontrollaw dak li gie allegat *ex novo* fi stadju tal-appell, din il-Qorti ma kien ikollha ebda esitazzjoni tintervjeni u tannulla d-decizjoni. Kif inghad, *pero*`, ebda nuqqas ma irrizulta; l-Onorabbli Qorti tal-Appel ipprocediet skond il-ligi, u ma rrizultax li hi, b'xi mod arbitrarju jew kapriccosament, cahdet id-dritt tal-kontroparti li tikkontrolla x-xhieda minnha mismugha jew li jitressqu provi ohra biex jikkontradixxu dak li ntqal. Li dan ma sehhx, hu tort kollu kemm hu tar-rikorrenti.

"Il-*House of Lords* ingliza, f'sentenza recenti li tat fis-17 ta' Dicembru, 1998, fil-kawza "In re: Pinnochet" osservat li;

*“It should be made clear that the House will not reopen any appeal save in circumstances where, through no fault of a party, he or she has been subjected to an unfair procedure. Where an order has been made by the House in a particular case there can be no question of that decision being varied or rescinded by a later order made in the same case just because it is thought that the first order is wrong”.*

“Dan il-principju japplika wkoll ghal dan il-kaz, u darba li ma rrizulta ebda *“unfair procedure”*, din il-Qorti ma tarax li ghandha tipprocedi ghar-revoka tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell.

“Ghall-kompletezza jinghad li il-fatt li proceduri precedenti, wkoll ta’ natura Kostituzzjonali, gew kancellati min din il-Qorti fit-23 ta’ Mejju, 2001, u ma saretx talba ghar-reappuntament taghhom fit-termini tal-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma jfissirx li l-istess rikorrenti ma jistghux iressqu proceduri ex novo. L-effett ta’ kawza kancellata mhux reappuntata huwa l-istess bhal meta kawza titqies dezerta skont l-artikolu 965 tal-Kap 12, u, a tenur ta’ l-artikolu 963(6) ta’ l-istess Kap 12, “Bid-dizerzjoni ta’ kawza fil-Qorti ta’ l-ewwel grad il-procediment jispicca, <u>izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni”.</u> Huwa biss il-gudikant li zzomm it-trattazzjoni ta’ kawza determinata f’gudizzju separat, izda d-dezerzzjoni, salv ir-responsabilita’ ghall-ispejjez, ma zzommx lill-istess parti li fethet l-ewwel kawza li tiftah proceduri godda fuq l-istess meritu.”

**<u>L-appell</u>**

Iz-zewg aggravji ta’ l-appellant huma minnu sintetizzati hekk:

**“Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa ta’ natura purament legali. Dawn huma proceduri ta’ indoli kostituzzjonali, jigifieri, lanjanza dwar vjolazzjoni tal-principju ta’ smigh xieraq. Minn qari tas-sentenza li qed tigi appellata jirrizulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti**

**semmiet sensiela ta' sentenzi mill-kamp tad-Dritt Amministrattiv li jirrigwardaw fil-parti l-kbira taghhom *'judical review of administrative discretion'* u lanjanzi fil-konfront ta' tribunali amministrattivi. Fil-kaz odjern, il-lanjanza tar-rikorrent tirrigwarda l-operat ta' qorti u mhux ta' tribunal amministrattiv. Ferm elokwenti hafna huwa l-fatt li l-kazistika tal-Qorti Ewropea dwar 'equality of arms' ma saret l-ebda referenza ghaliha, filwaqt li r-referenzi inkorporati fis-sentenza huma kollha kemm huma minn kotba dwar id-Dritt Amministrattiv dwar *'audi alteram partem'.* Ghalhekk, bir-rispett kollu, m'hemmx dubju li l-kriterju jew 'yardstick' adottat mill-Ewwel Onorabbli Qorti kien manifestament u palesement zbaljat…**

**"It-tieni aggravju ta' l-esponent huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz u addirittura lanqas ma afferrat sewwa liema kienet il-lanjanza vera u proprja tar-rikorrent li tohrog car kemm mir-rikors promotur tieghu kif ukoll min-nota ta' osservazzjonijiet tieghu. Ma jidhirx illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha indirizzat il-kwistjonijiet imsemmija fin-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrent."**

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza – inkluzi dawk migjuba fl-atti tar-rikors kostituzzjonali 3/03TM, stante li n-nota ta' osservazzjonijiet li ghaliha jirreferi l-appellant giet ezibita fl-atti ta' dak ir-rikors (ara minn fol. 101 sa 113 ta' dawk l-atti l-ohra) – sejra tghaddi biex tezamina l-aggravji tal-appellant *seriatim.*

Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju, huwa veru li l-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza elaborata taghha, ikkwotat estensivament minn sentenzi u awturi li jitrattaw il-principju ta' gustizzja naturali ta' *audi alteram partem* fil-kamp tad-dritt amministrattiv (u anzi, aktar precisament, fil-kamp tad-dritt amministrattiv Ingliz), izda dan, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jnaqqas xejn mill-forza tal-argumenti u mill-korrettezza ta' l-istess argumenti dwar dan il-principju

meta trasposti ghall-kamp kostituzzjonali in tema ta' dritt ta' smigh xieraq. Effettivament il-kuncett ta' "equality of arms", jew "egalite des armes", li gie l-ewwel darba hekk imsejjah mill-organi ta' Strasbourg fil-kaz ***Neumeister v. Austria*** [2]***,*** ma hu xejn ghajr il-principju ta' *audi alteram partem* mill-aspett purament procedurali. Dan il-kuncett, applikabbli sew ghal kawzi penali kif ukoll ghal dawk civili, jezigi, bhala element essenzjali ta' smigh xieraq, li kull parti jkollha l-istess opportunita` li tressaq il-kaz taghha taht kundizzjonijiet sostanzjalment ugwali, b'mod li ebda parti ma titqieghed – minhabba kif tkun il-ligi jew kif ikun agixxa l-organu gudizzjarju – fi zvantagg sostanzjali fil-konfront tal-parti l-ohra. Fi kliem il-Qorti ta' Strasbourg, fil-kaz ***Dombo Beheer BV v. The Netherlands*** [3]:

**"The requirements inherent in the concept of 'fair hearing' are not necessarily the same in cases concerning the determination of civil rights and obligations as they are in cases concerning the determination of a criminal charge. This is borne out by the absence of detailed provisions such as paragraphs 2 and 3 of Article 6 applying to cases of the former category. Thus, although these provisions have a certain relevance outside the strict confines of the criminal law…the Contracting States have greater latitude when dealing with civil cases concerning civil rights and obligations then they have when dealing with criminal cases.**

**"Nevertheless, certain principles concerning the notion of a 'fair hearing' in cases concerning civil rights and obligations emerge from the Court's case-law. Most significantly for the present case, it is clear that the requirement of 'equality of arms', in the sense**

---

[2] 27 ta' Gunju, 1968. Ara a propositu Jacobs and White **The European Convention on Human Rights** OUP, (3rd. Edition, 2002), p. 156.

[3] 27 ta' Ottubru, 1993 – f'dan il-kaz, skond il-Kodici Civili Olandiz kif kien dak iz-zmien, persuna "…who was substantively a party to litigation could not be heard as a witness in his/her own case." Meta kumpanija harrket bank, din il-kumpanija ma setghetx ittella' jixhed lill-*managing director* taghha dwar in-negozjati li kellha mal-bank, mentri l-bank seta' jtella', u effettivament tella', il-*bank manager* tal-fergha biex jixhed proprju dwar l-istess negozjati (ara Alastair Mowbray **Cases and Materials on the European Convention on Human Rights** Butterworths (London) 2001, p. 292.

**of a 'fair balance' between the parties, applies in principle to such cases as well as to criminal cases…**

**"The Court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, 'equality of arms' implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. It is left to the national authorities to ensure in each individual case that the requirements of a 'fair hearing' are met."** [4] (sottolinear ta din il-Qorti).

Minn qari akkurat tas-sentenza appellata, ma hemm xejn fiha li jikkuntrasta mal-kuncett ta' "equality of arms" kif recepit u mifhum fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm l-ewwel Qorti ma ccitat ebda sentenza "kostituzzjonali", kif donnu qed jippretendi li kellha taghmel l-appellant, hija esponiet sostanzjalment b'mod korrett il-principju tal-"equality of arms" fis-sens li kull parti ghandu jkollha l-opportunita` li tippresenta l-kaz taghha, inkluz il-provi taghha, taht kundizzjonijiet li jkunu sostanzjalment ugwali. L-ewwel Qorti kienet korretta wkoll meta fissret li, galadarba jkun hemm dik l-opportunita`, jekk parti ma taghrafx taghmel uzu minnha sew u konformement anke mar-regoli procedurali, ma tistax wara tilmenta li ma kellhiex dik l-opportunita` b'mod li jkun gie lez id-dritt taghha ta' smigh xieraq. Din il-Qorti tenfasizza dan il-punt, li forsi ma giex enfasizzat bizzejjed mill-ewwel Qorti, u cioe` li l-kuncett ta' "equality of arms" ma jfissirx li parti, x'hin trid u kif trid, tista' tressaq il-provi taghha. Ir-regoli tal-procedura – u f'din il-kawza ma hi qed tigi attakkata ebda disposizzjoni ta' ligi procedurali – qeghdin hemm biex jigu wkoll osservati mill-partijiet, peress li dawn huma wkoll intizi biex jizguraw "smigh xieraq".

[4] Paragrafi 32 u 33

Minn dan li ghadu kif inghad, ghalhekk, din il-Qorti ma tarax validita` f'dan l-ewwel aggravju tal-appellant, u konsegwentement qed tirrespingieh.

It-tieni aggravju jehodna ghall-qofol tal-kwistjoni f'din il-kawza, u cioe` ta' x'gara fl-udjenzi tal-25 ta' Gunju, 1998 u 29 ta' Ottubru, 1998.

Jibda biex jinghad li fil-kors ta' din il-kawza kostituzzjonali gew presentati zewg affidavits quddiem il-Prim Awla, li jinsabu a fol. 15 u fol. 20 ta' Eucharistico Mintoff u Emanuel Mintoff rispettivament. Dawn iz-zewg affidavits huma identici – tnehhi xi zewg zbalji dattilografici li kien hemm fl-ewwel wiehed (ez. "Meta Dr. Galea Domandi lesta mid-domandi", li gie korrett ghal "Meta Dr. Galea Debono lesta mid-domandi", u "L-appell kompli jinstema'…" li gie korrett ghal "L-appell kompla jinstema'…"). Jekk dawn l-affidavits kienu b'xi mod intizi biex jikkontradicu xi haga li kien hemm fil-verbali tal-25/6 u 29/10, jew biex izidu xi haga maghhom billi jaghtuhom xi ftit "kulur", din il- Qorti, proprju minhabba l-mod ta' kif dawn gew redatti -- wiehed kopja ta' l-iehor -- ma thossx li ghandha taghti xi piz lil dawn iz-zewg affidavits. Fi kliem iehor dawn iz-zewg affidavits b'ebda mod ma jeghlbu l-presunzjoni li dak li gie registrat fil-verbali tal-25/6 u 29/10 huwa sostanzjalment korrett. Fi kwalunkwe kaz, l-appellant, anke fir-rikors ta' appell tieghu, jistrieh unikament fuq dawn iz-zewg verbali kif registrati, u mkien ma hemm xi accenn f'dan ir-rikors li dak li gie registrat ma kienx korrett. Din il-Qorti, ghalhekk, bhall-ewwel Qorti, ser timxi fuq il-kopja tal-atti tal-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell fir-rikors 12/91 ezibita mill-appellanti Rita Mintoff u Anthony Mintoff fil-kawza kostituzzjonali 3/03, u li jinsabu a fol. 32 sa 99 ta' dik il-kawza kostituzzjonali. Ghalkemm il-kopja ta' dawn l-atti ma gietx legalizzata, ebda wahda mill-kontroparti ma kkontestat il-korrettezza, fis-sens ta' l-awtenticita`, ta' dik il-kopja.

Issa, hu evidenti li, iddur fejn iddur, kollox f'din il-kawza jippernja fuq dak li gara fl-udjenzi tal-25 ta' Gunju, 1998 u 20 ta' Ottubru, 1998, dak li gara (jew ma garax) bejn dawn iz-zewg dati, u dak li gara (jew ma garax) minn din l-ahhar

data sad-data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell. Ikun utili, pero`, li wiehed imur ftit 'l quddiem ukoll, u cioe` ghal ftit qabel il-25 ta' Gunju, 1998.

Minn dawn il-provi jirrizulta li l-appell mid-decizjoni tal-Bord gie appuntat ghas-smigh ghas-16 ta' April, 1998 (fol. 44). B'rikors presentat fil-25 ta' Marzu, 1998 id-difensur ta' Annunzjata sive Nancy Grech et ippresenta rikors, debitament guramentat, li permezz tieghu informa lill-Qorti ta' l-Appell li fis-16 ta' April huwa kien ser ikun imsiefer, u ghalhekk talab differiment. Ma jirrizultax li dana r-rikors gie espressament dekretat, izda il-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' April, 1998 ighid (u jghid biss) "B'ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-7 ta' Mejju, 1998 fl-istess hin tal-verbal precedenti". Jumejn qabel ma l-appell kellu jinstema' fis-7 ta' Mejju, 1998, Anthony Mintoff ippresenta rikors li bih talab differiment peress li kien talab lil Dott. Tonio Azzopardi "biex jassistieh fis-smigh ta' l-appell" – jirrizulta minn atti ohra li quddiem il-Bord f'Ghawdex, Anthony Mintoff kien assistit mill-kompjant Dott. Michael Grech – u li l-istess Dott. Azzopardi kellu bzonn zmien biex jezamina l-process. Il-Qorti ta' l-Appell irrizervat li tipprovdi fl-Awla; u fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 1998, proprju minhabba t-talba li kienet saret, l-appell gie differit ghall-25 ta' Gunju, 1998.

Fl-udjenza tal-25 ta' Gunju, 1998 xehdet fuq talba tal-Qorti Giovanna Vella (fol. 50). Dan sar wara li d-difensur tal-appellanti kien stqarr li Salvu Vella huwa bidwi *full-timer* u l-ohrajn kollha huma *part-time* jahdmu fl-azjenda ta' Savu Vella. Bazikament din qalet li mit-tlett itfal taghha Salvu, Maria u Gianni, kien Salvu biss li kien jahdem xoghol *full-time* konness mat-trobbija ta' l-annimali. Wara li fil-verbal hemm registrat li xehdet din Giovanna Valla, il-verbal ikompli hekk:

**"Dr Tonio Azzopardi u Dr Michael Grech ghall-intimati jiddikjaraw li ma jaqblux ma din id-dikjarazzjoni in kwantu Salvu Vella hu minnu li huwa rahhal full time izda m'huwiex bidwi u dwar Maria Attard u Gianni Vella gie espressament dikjarat fil-kors tal-proceduri li**

**t-talba ghar-ripresa ma kienitx qed tigi bbazata fuq xi htiega da parti taghhom.**

**“Inoltre jigi riservat id-dritt li jintalab il-produzzjoni ta’ xhieda sabiex tikkontesta l-kontenut ta’ dik id-deposizzjoni kemm-il darba dan jirrizulta mehtieg fil-kors ta’ dan l-appell.**

**“Bdiet it-trattazzjoni.**

**“Il-kawza giet differita ghad-29 ta’ Ottubru, 1998 fil-11.00 a.m.”**

Jigi precisat li, kuntrarjament ghal dak li jghidu Eucharistico Mintoff u Emanuel Mintoff fil-hames u s-sitt paragrafi tal-affidavits identici taghhom, u cioe` li l-Imhallef li kien qed jippresjedi l-Qorti ta’ l-Appell “ma halliex li jsir il-kontro-ezami lil Giovanna Vella”, il-verbal tal-udjenza ma fih ebda lment f’dan is-sens. Kienet tkun haga l-aktar ovvja kieku verament kien hemm xi ostakolu da parti tal-Qorti biex isir dan il-kontro-ezami li jigi registrat jew li Dott. Azzopardi u Dott. Grech riedu jaghmlu tali kontro-ezami u ma thallewx jew, ghall-anqas, li kienu qed jirriservaw tali kontro-ezami. Invece il-verbal hu biss fis-sens li z-zewg avukati kienu qed jiddikjaraw li ma jaqblux ma dak li kienet qalet Giovanna Vella u li kienu qed jirriservaw id-dritt li jipproducu xhieda biex jirribattu l-kontenut tad-deposizzjoni. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, anke li kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, il-Qorti ta’ l-Appell ma ppermettietx lil dawn iz-zewg avukati li jirregistraw dak li riedu jirregistraw – u din il-Qorti taghmilha cara li ma hemm ebda allegazzjoni f’dan is-sens – l-istess avukati, a nom tal-klijenti taghhom, setghu jirregistraw dak li gew impeduti milli jirregistraw f’nota jew f’rikors presentat fl-atti.

Mela sa hawn jidher car li l-intimati f’dawk il-proceduri, fosthom l-appellant odjern Anthony Mintoff, irrizervaw id-dritt li jitolbu l-produzzjoni ta’ xhieda biex jikkontestaw dak li kienet qalet Giovanna Vella. Pero` fl-erba xhur bejn din l-udjenza ta’ Gunju u l-udjenza ta’ wara (ta’ Ottubru) huma ma ghamlu assolutament xejn – ma gie ppresentat ebda

rikors biex jintalab li jigi ingunt xi hadd jew biex il-Qorti, fis-seduta li kien imiss, tisma' lil xi hadd.

Waslet l-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 1998. Mill-ewwel parti tal-verbal ta' din l-udjenza jidher li dik il-gurnata stess Dott. Azzopardi avvicina lid-Deputat Registratur tal-Qorti ta' l-Appell u talbu differiment minhabba li Dott. Grech "ma jistax jigi Malta minn Ghawdex". Id-Deputat Registratur korrettement qal lill-imsemmi avukat biex huwa javvicina lill-avukat tal-kontro-parti u biex jaghmel rikors (is-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 195 tal-Kap. 12 kif kien dak iz-zmien kien jirrikjedi li talba simili ssir b'rikors guramentat ippresentat mhux aktar tard minn jumejn tax-xoghol qabel id-data tas-smigh). Dan ir-rikors baqa ma sarx, ghalkemm anke li kieku sar dak in-nhar stess, kien proprjament ikun tardiv. Fil-bidu ta' l-udjenza jidher, mill-istess verbal, li l-avukat tal-kontro-parti, Dott. Joseph Galea Debono, oppona ruhu ghal dan id-differiment, u ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell ordnat il-prosegwiment tas-smigh ta' l-appell. A propositu tar-raguni ghad-differiment, din ma jirrizultax li kienet xi haga li nqalghet improvvisament – mid-dokument ezibit mill-appellanti Rita Mintoff u Anthony Mintoff a fol. 102 fl-atti tar-rikors kostituzzjonali 3/03, jidher li din it-talba kienet qed issir minhabba li l-imsemmi avukat (Grech) dik il-gurnata kellu sbatax-il kawza quddiem il-Qrati ta' Ghawdex. Ma jirrizultax li xi wahda jew aktar minn dawn il-kawzi kienet giet appuntata mil-lum ghal ghada, u ghalhekk ma kien hemm xejn xi jzomm lill-parti jew lill-istess avukati jew lil wiehed minnhom milli, fiz-zmien stabbilit mll-ligi, jitlob differiment permezz ta' rikors kif kienet titlob il-ligi.

Wara li fil-verbal hemm registrata l-opposizzjoni ghal differiment da parti tal-imsemmi Avukat Galea Debono, il-verbal ikompli hekk:

**"F'dan l-istadju deher Dr Tonio Azzopardi.**

**"Il-Qorti ghaddiet biex tisma' x-xhieda ta' Saviour Vella.**

**"Xehed: Saviour Vella.**

**"Dr Tonio Azzopardi ghall-appellat jiddikjara illi stante li Dr Michael Grech li ppatrocina lill-appellati fil-Prim Istanza, illum biss ma setax jattendi izda jkun jista' jattendi fi kwalunkwe data ohra, huwa opportun illi, anke minhabba li llum instemghu provi godda, t-trattazzjoni u eventwali xhieda jithallew ghal data ohra.**

**"Dr Tonio Azzopardi jiddikjara li wara li sema' x-xhieda taz-zewg deponenti precedenti [5], ihoss il-htiega li jipproduci provi biex jirribatti dawn il-provi godda ammessi eccezzjonalment fi stadju ta' l-appell. Dr Tonio Azzopardi jitlob li jixhed Emanuel Mintoff."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghandu jinghad li ghalkemm fil-verbal ta' l-udjenza precedenti – tal-25 ta' Gunju, 1998 – Saviour Vella ma jissemmiex, aktar 'l quddiem fil-verbal tad-29 ta' Ottubru, 1998 hemm imnizzel, kif ser naraw, li t-trattazzjoni fl-udjenza tal-25 ta' Gunju, 1998 kienet "giet sospiza" proprju biex fid-29 ta' Ottubru jkun jista' jixhed dana Vella. L-appellant Mintoff, fir-rikors ta' appell tieghu fil-kawza kostituzzjonali odjerna, ighid li dan ma hux minnu – cioe` li mhux veru li l-kawza kienet thalliet biex jixhed Saviour Vella, u jappella proprju ghal dak li kemm – jew ahjar ghal dak li ma hemmx registrat – fil-verbal tal-25 ta' Gunju. Mill-banda l-ohra huwa ferm stramb kif, riferibbilment ghal dana x-xhud, ma hemm registrata ebda opposizzjoni da parti tal-appellat (Mintoff) fil-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 1998. Din il-Qorti pjuttost ittendi li l-hsieb kien proprju li Vella jixhed fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 1998, u dan qed jinghad proprju minhabba dak li l-appellant stess ighid fir-rikors ta' appell tieghu (pagna 10):

**"Wara kollox, il-Qorti ta' l-Appell kienet halliet il-kawza ghall-jum tal-Hamis, 29 ta' Ottubru, avolja Dr Michael Grech kien gibdilha l-attenzjoni fil-hin fis-seduta precedenti illi huwa jkun jista' jinzel Malta ghall-kawzi nhar ta' Tnejn. Allura, ghal dakinhar seta' jinstema'**

[5] Giovanna Vella u Saviour Vella.

**biss ix-xhud Saviour Vella minghajr il-presenza ta’ Dr Michael Grech u l-appell jithalla ghall-kontinwazzjoni.”**

Fi kliem iehor, din il-Qorti mhix sodisfatta li dan ix-xhud Saviour Vella kien xi sorpriza ghall-appellat Mintoff u ghad-difensur tieghu. Jirrizulta li, kuntrarjament ghal dak li sar fil-konfront tax-xhud Giovanna Vella (li ma sarilha ebda kontro-ezami fl-udjenza tal-25 ta’ Gunju, meta allura l-appellat Mintoff kien assistit miz-zewg avukati difensuri tieghu), lil Saviour Vella sarulu zewg mistoqsijiet in kontro-ezami.

Issa, <u>l-uniku xhud</u> li l-appellat Mintoff (appellant f’din il-kawza kostituzzjonali) qatt talab li jigi prodott biex jixhed fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti ta’ l-Appell kien Emanuel Mintoff. Dan ix-xhud, izda, thalla mill-appellat u/jew mid-difensur tieghu jibqa fil-awla waqt li kien qed jixhed Salvu Vella u waqt li kienu qed isiru s-sottomissjonijiet, b’mod li dahal in ballo l-Artikolu 591 tal-Kap. 12 li jipprovdi testwalment hekk: *“Bhala regola, ebda persuna prezenti waqt is-smigh ta’ kawza ma tista’ tingieb bhala xhud fl-istess kawza; izda hu mholli fid-diskrezzjoni tal-qorti li, ghal raguni tajba, tiddispensa minn din ir-regola, f’kazijiet partikolari.”* Kif jirrizulta mill-kumplament tal-verbal tad-29 ta’ Ottubru, 1998, l-avukat tal-kontro-parti oppona li jittella’ bhala xhud dan Emanuel Vella proprju a bazi ta’ din id-disposizzjoni. Infatti tal-verbal tad-29 ta’ Ottubru, 1998 ikompli hekk:

**“Dr Joseph Galea Debono jopponi minhabba li dan ix-xhud mhux parti fil-kawza u kien presenti fl-Awla waqt li kien qed jixhed Salvu Vella u anke waqt is-sottomissjonijiet ta’ l-Avukati.”**

Rinfaccat b’din l-opposizzjoni, l-avukat tal-appellat ipprova ghal darb’ohra jara kif jikseb differiment tal-kawza:

**“Dr Tonio Azzopardi jitlob illi stante illi f’nofsinhar ghandu kawza dwar Eye Laser Treatment li falla, it-tkomplija ta’ l-appell tithalla ghal data ohra. Dr Tonio Azzopardi jitlob illi l-eventwali trattazzjoni tad-difensuri tigi registrata b’mezzi elettromanjetici.”**,

izda sab l-opposizzjoni (ghad-differiment) tal-kontro-parti li evidentement kellha kull interess li d-dewmien fil-proceduri jigi minimizzat:

**“Dr Joseph Galea Debono jibqa’ jopponi anke ghaliex nofs siegha ilu u kwarta wara li dam jissejjah Dr Tonio Azzopardi biex jidhol fl-Awla dan l-incident kien diga gie trattat u Dr Tonio Azzopardi talab ftit taz-zmien biex imur igib il-file tieghu biex jitratta.”**

Wara dan kollu, giet registrata fil-verbal id-decizjoni (jew ahjar, decizjonijiet) tal-Qorti ta’ l-Appell fir-rigward tad-diversi talbiet li kienu saru:

**“Il-Qorti, billi l-assenza ta’ Dr Michael Grech hija motivata biss mill-fatt li llum ma setax jigi Malta, billi Dr Michael Grech ghandu assocjat mieghu fil-patrocinju tal-klient tieghu lil Dr Tonio Azzopardi li effettivament kien qed jitratta fis-seduta precedenti meta din giet sospiza halli llum jixhed Salvu Vella, billi fi kwalunkwe kaz ghalkemm tapprezza li Dr Tonio Azzopardi kmieni dalghodu kkomunika mar-Registratur biex jitlob differiment u anke pprova jipprokura l-adezjoni ta’ Dr Joseph Galea Debono u anke baghat jiskuza ruhhu mal-klienti ta’ l-istess Dr Joseph Galea Debono, ciononostante l-procedura ma gietx osservata billi ma giex presentat rikors fiz-zmien previst mil-ligi, u billi Dr Joseph Galea Debono baqa’ jinsisti fl-opposizzjoni tieghu, tichad it-talba [ghal] ghad-differiment.**

**“Tichad ukoll it-talba [ghall-] produzzjoni tax-xhud Emanule Mintoff minhabba li dan kien prezenti fl-Awla waqt ix-xhieda u waqt is-sottomissjonijiet diversi li saru dalghodu.**

**“Ma takkoljiex l-ahhar talba ta’ Dr Tonio Azzopardi ghar-registrazzjoni b’mezzi elettromanjetici minhabba dak li ser jigi provdut.**

**"Tiddiferrixxi l-appell ghas-sentenza ghall-21 ta' Jannar, 1999 b'dan illi l-appellat ikollu zmien sat-30/11/98 biex jekk irid jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub bin-notifika tal-Avukat tal-kontro-parti li jkollu zmien sal-24/12/98 biex, jekk irid, jipprezenta nota responsiva wkoll bin-nota [6] ta' xi wiehed mill-Avukati tal-kontro-parti."**

Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tistax tifhem kif b'dak li sehh fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 1998, kif ukoll b'dak li sehh fl-udjenza precedenti tal-25 ta' Gunju, 1998 jista' jinghad li l-appellat fil-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell gie prekluz milli, ossia ma inghatax l-opportunita` li, jipproduci x-xhieda biex jirribatti dak li kien irrizulta mid-deposizzjonijiet ta' Giovanna Vella u ta' Salvu Vella. L-appellat, illum appellant, Anthony Mintoff kellu l-opportunita` kollha li jressaq il-provi biex jirribatti dawn iz-zewg deposizzjonijiet izda, flok ma huwa uzufruwixxa b'mod tajjeb u ekonomiku minn din l-opportunita`, ipprova joqghod igebbed il-proceduri fl-appell b'talbiet ghal differiment minghajr ma osserva d-dettami procedurali. Kif inghad, l-uniku xhud li hu qatt talab li jipproduci fl-appell (u li seta basar li kien ser ikollu bzonnu wara d-deposizzjoni ta' Giovanna Vella) hallih fl-awla fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, b'mod li nkorra fl-ostakolu tal-Artikolu 591. Anke wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza u l-appellat (illum appellant) ippresenta rikors[7] (fit-12 ta' Novembru, 1998) li fih talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u li jinghata "il-possibilita` li jitressqu provi li jikkontradixxu dak li gie allegat mix-xhieda msejjha mill-Qorti u mill-kontroparti"[8], hu baqa ma indikax x'kienu dawk il-provi u, aktar importanti, anqas indika xi raguni valida ghala dawn il-provi ma talabhomx qabel ma l-kawza thalliet ghas-sentenza. Sinjifikanti huwa l-fatt li f'dana r-rikors, meta l-appellat, in sostenn tat-talba li jinghata l-possibilita` li jressaq provi biex jirribatti dawk mismugha fi stadju ta' appell, ikkwota mill-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 1998, huwa halla barra dik il-parti fejn kien talab li jixhed

[6] Presumibbilment hawn il-Qorti ta' l-Appell riedet tghid "bil-visto".

[7] Dan ir-rikors, ghalkemm maghmul fil-kawza fl-ismijiet ***Annunziata sive Nancy Grech et v. Anthony Mintoff*** huwa migjub bhala r-rikors ta' l-appellat Joseph Mintoff.

[8] Ara fol. 62 tal-atti tal-kawza kostituzzjonali 3/03.

Emanuel Mintoff – liema xhud, kif diga rajna, gie dikjarat inammissibbli. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-Qorti ta' l-Appell kienet altru milli gustifikata li tirrespingi t-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza *"…peress li r-rikorrenti kellhom kull opportunita` li jekk kellhom provi li jgibuhom fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 1998 u dan naqsu milli jaghmluh, u minflok ippretendew li dakinhar il-Qorti takkordalhom differiment meta ma kienx hemm raguni valida biex din it-talba tintlaqa'."*

Fi kliem iehor, din il-Qorti tikkondivi pienament il-hsieb ta' l-ewwel Qorti li l-appellant odjern inghata l-opportunita` li jressaq provi "in rebuttal" ta' dawk mismugha fi stadju ta' appell, u dan taht kondizzjonijiet sostanzjalment ugwali ghal dawk tal-parti l-ohra – huwa, izda, ma gharafx juzufruwixxi minn din l-opportunita`. Kien l-appellant stess li holoq il-problemi ghalih innifsu – u f'dan is-sens holoq certu zbilanc procedurali – bit-talba tieghu ingustifikata ghal differiment.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li ghandha takkolji dana l-appell.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------